# 18

## Bar New York. Matul il-gurnata

### Jidhru bil-wieqfa minn dahrhom

| | |
|---|---|
| JACKY | Qed taqbadlu idu? |
| PAUL | Qed turih it-triq. Hemm bzonn li wiehed isir jaf it-triq. L-infern huwa maghmul minn hafna crieki arah<br><br>L'affresk idur ma' l-erba' hitan |
| JACKY | Bhal-cartoons |
| PAUL | Hemmhekk fic-cirku ta' qabel ta' l-ahhar tghid<br><br>"U ftakar jien qieghda hdejk" |
| JACKY | Hemmhekk<br><br>Dawk torrijiet? |
| PAUL | Le gganti go bir<br><br>Qeghdin  mal-horza kollha ma jidhrux miz-zokra 'l isfel |
| JACKY | Minix narhom |
| PAUL | Hemm dalma taqtaghha b'sikkina<br><br>Li se tibda tittaffa<br><br>Ic-cpar l-arja id-duhhan tas-sigaretti |

| | |
|---|---|
| | Hija tghid<br><br>Ersaq halli naqbadlek idejk<br><br>U hemmhekk ghamilt l-ahhar cirku |
| JACKY | Dawk it-tnejn t'hemmhekk mqabbdin f'xulxin b'xuxthom imhabbla go ta' xulxin |
| PAUL | Ghajnejhom mhumiex imxarrbin il-ksieh nixxifulhom id-dmugh<br><br>Id-dmugh taghhom stess ma jhallihomx jibku |
| JACKY | U dan li hiereg minn qaddu 'l barra barra mis-silg |
| PAUL | l-imperatur tas-saltna tan-niket |
| JACKY | Ghandu tlett ucuh  ta' quddiem ruby tal-lemin bejn abjad u isfar u tax-xellug iswed |
| PAUL | taht kull wicc hemm il-gwienah kbar |
| JACKY | Minghajr rix qishom tal-friefet il-lejl<br><br>Kull halq jhezzez snienu |
| PAUL | Iddisprat<br><br>Fuq kull ilhit igelben id-demm<br><br>Meta haw' ikun id-dawl tax-xemx hemmhekk ikun id-dlam |
| JACKY | Pingejt ohrajn? |
| PAUL | U! Kieku pingejt mijiet minnhom kollha mitfughin wahda fuq wahda |

| | |
|---|---|
| | f'kantina fejn qatt hadd ma jinzel |
| JACKY | Ma nkunx naf meta qed tigdibli<br><br>Tergax iggibni 'l haw' Paul<br><br>Lanqas nifs ma nista' niehu sewwa |
| PAUL | Hawnhekk inpengi direttament fuq il-hajt<br><br>Vatchek is-Sid ta' New York hu mil-Litwanja darba kien is-Siberja qalli mur izboghha ilu sentejn diga' illum iz-zebgha qed titqaxxar<br><br>New York huwa d-dar addottiva tieghi ihalluni nidhol anke meta jkun maghluq ghandi c-cavetta |
| JACKY | Ma nifhimx fihom<br><br>Imissek turihom lil xi hadd |
| PAUL | Irrid naghmel ix-xbiha tieghek |
| JACKY | M'ghandekx cans |
| PAUL | Int m'ghamiltux tieghi? |
| JACKY | Irrid nerga' naghmel xi rtokki f'tieghek |
| PAUL | Inpengilek kollox anke l-partijiet li inti stess ma tafx |
| JACKY | Jien biz-zewgt irjus l-ohra tieghi ?<br><br>Kieku tajjeb imma mhux fuq il-hitan ta' New York |
| PAUL | Fid-dar li se jkollna |

| | |
|---|---|
| JACKY | Ah! Dik!  Irrid veru nitlef rasi!<br><br>Nintrabat mieghek! |